

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10158 — IHS Markit/CME Group/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 244/11)

1. Fit-15 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- IHS Markit Ltd, ("IHSM", ir-Renju Unit)
- CME Group ("CME", l-Istati Uniti tal-Amerka)
- Parthenon Ltd ("Parthenon", Bermuda)

IHSM u CSM jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Parthenon, impriża bi sħab maħluqa ġdida (joint venture, "JV").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- IHSM: fornitur internazzjonali ta' informazzjoni, analitika, għarfien espert, u soluzzjonijiet għal industriji ewlenin, swieq finanzjarji, u gvernijiet globalment. L-IHSM jipprovdi *data* tal-ipprezzar u ta' referenza, indiċijiet finanzjarji, identifikaturi tas-sigurtà, servizzi ta' valutazzjoni u negozjar, u soluzzjonijiet ta' *data* / ġestjoni tad-*data*,
- CME: ditta globali tal-ġestjoni tar-riskju bbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka. CME hija s-sid u tħaddem diversi skambji (Chicago Mercantile Exchange, Chicago Board of Trade (CBOT), New York Mercantile Exchange (NYMEX) u l-Commodity Exchange (COMEX)) u tipprovdi servizzi oħra ta' negozjar u kklerjar f'firxa ta' klassijiet ta' assi, inklużi komoditajiet, indiċijiet tal-ekwità, FX, IRDs u kriptovaluti,
- Parthenon: servizzi ta' pproċessar kummerċjali u ta' ottimizzazzjoni tal-kummerċ/portafoll f'għadd ta' klassijiet ta' assi, jiġifieri d-derivattivi OTC tal-IHSM u n-negozju tal-ipproċessar tal-kummerċ FX (magħruf bħala MarkitSERV) u n-negozji tal-ottimizzazzjoni tad-derivattivi OTC tas-CME (TRAIANA, TriOptima u Reset).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi speċifikata:

M.10158 — IHS Markit/CME Group/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË
